MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Numru 670/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Giuseppe Camilleri**

**Seduta tal-lum 29 ta' Settembru, 2003.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Giuseppe Camilleri ta' 71 sena, mwieled Birkirkara nhar it-12 ta' Novembru, 1932, bin Carmelo u Emanuela *nee'* Vella, residenti 68, 'Rosy', Triq Santa Maria, Birkirkara, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 763432(M);

Talli fis-07 ta' Settembru, 2002, bhala propjetarju w amminstratur responsabbli jew konsumatur tal-fond 68, 'Rosy', Triq Santa Marija, Birkirkara, b'diversi atti minnek b'rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti, b'mezzi qarrieqa li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommettejt serq ta' dawl elettriku ta' Lm241.36, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifikat abil-mezz, bil-hin u bil-valur u dan ai termini ta' l-artikoli 18, 261, 263, 264 (2) , 267, 279 u 270 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar tahht l-istess cirkostanzi kkommettejt hsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka Ferranti bin-numru 3101830, liema hsara ma teccediex l-ghaxar liri Maltin (Lm10) u dan bi ksur ta' l-arikolu 325 (d), 326 (c), u (f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bi procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni issibu hati.

Rat l-artikoli 18, 261, 263, 264 (2), 267, 279 u 270 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat hallas l-ammont pretiz mill-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-fedina penali kompletament netta ta' l-imputat.

Ghalhekk tilliberrah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt (6) xhur mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------